MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 77

12 ta' Ġunju 2017

Minuti tas-seduti Nru. 77 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2017 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 75 u 76, li saru fit-3 u l-11 ta' Mejju 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Sejħa għall-Offerti MLC 2/2017 – Servizz ta' Tindif ta' Toroq Urbani (T/4/5/Vol IV)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 11.2. tas-seduta Nru. 75 tat-3 ta' Mejju 2017 u kien hemm qbil li għandu jintalab rapport minn *accountant* dwar ir-rati mħallsa lill-impjegati kif ikkwotati mill-offerenti *vis-a-vis* is-somma annwali offruta sabiex jiġi stabbilit jekk fil-verità din is-somma tinvolvix ħlas prekarju.

### 2.2.1. Pavimentar taz-zuntier f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa (P/4/3/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 12 ta' Ġunju 2017 dwar l-applikazzjoni PA 1631/17 mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikun jista' isir it-titjib imsemmi. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-perit inkarigat talab sabiex ir-rampa eżistenti, li tagħti minn Triq Salvinu Vella għaz-zuntier, tinżamm bil-*gradient* kif inhi. Dan peress li x-xogħol jinvolvi biss pavimentar u għalhekk l-istess rampa mhux ser tiġi affettwata. Kien spjegat li dan il-punt tqajjem min-naħa tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, peress li attwalment il-linji gwida jipprovdu li tali rampi jrid ikollhom *gradient* ta' 1:20. Il-każ ser jiġi trattat mit-*Test for Reasonableness Board* (TORB) fit-23 ta' Ġunju 2017.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Immaniġġjar ta’ Traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/3/Vol V)

2.3.2. Is-Sindku għarraf li permezz ta’ imejl datat 12 ta’ Ġunju 2017, Tranport Malta għarrfu li mhux ser ikun prattiku mil-lat ta’ sigurtà, jekk il-*cables* meħtieġa fl-installazzjoni tat-*traffic lights* fi Triq Ġorġ Borg Olivier, jitwaħħlu mal-*brackets* tal-Enemalta.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li t-trinka meħtieġa għandha ssir wara li jgħaddi s-Sajf.

### 2.4.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)

2.4.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 17.1. tas-Seduta Nru. 75 u għarraf li minħabba l-elezzjoni ġenerali, għad-fadal l-aħħar erba’ logħbiet fil-kompettizzjoni msemmija li ġew posposti. Huwa qal li qed isir kull sforz minn naħa tiegħu biex il-kompetizzjoni tiġi fi tmiemha.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 3.0. Tqegħid ta’Karti

- *Purchase Request Form* – 09/06/17;
- Skeda ta’ Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 28/04/17 – 11/05/17;
- Skeda ta’ Xiri permess tal-*Petty Cash* – 11/05/17 – 01/06/17;
- Skeda ta’ Pagamenti – 28/04/17 – 27/06/17;
- Skeda ta’ Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta’ Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rapport tal-Bord tal-Għażla – Konkors Innu tal-Mellieħa – 08/06/17.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. PC 0021/17 - Bdil fl-iskema tal-bini fi triq ġdida fiż-żona Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija hawn fuq, li tinvolvi tnaqqis ta’ parti minn spazju privat minħabba raġunijiet estitiċi u hekk ikun jista’ jinbena. L-iskema attwali kienet approvata permezz ta’ applikazzjoni PC 0046/13.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m’għandhomx jinħolqu preċedenti, fis-sens li l-iskema kif approvata permezz ta’ PC 0046/13 għandha tibqa’ tiġi osservata, primarjament sabiex ma tiżdiedx aktar id-densità tal-bini.

### 4.2.1. PC 0025/17 - Bdil fl-iskema tal-bini fi triq ġdida fiż-żona Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq li tinvolvi bdil fil-linja tat-triq minn kif approvata fl-iskema skont PC 0046/13 fi Triq il-Mitħna l-Qadima fiż-żona tal-barriera f’Ta’ Masrija.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m’għandhomx jinħolqu preċedenti, fis-sens li l-iskema kif approvata permezz ta’ PC 0046/13 għandha tibqa’ tiġi osservata, primarjament sabiex ma tiżdiedx aktar id-densità tal-bini.

### 4.3.1. Sistema ta’ *one-way* fi Triq il-Bronja (T/3/2/Vol XV)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta’ Mejju 2017, mibgħut minn Transport Malta, fejn għarrfu li rċevew talba sabiex it-triq imsemmija ssir *one-way*, minħabba li qed issir ħsara fil-proprjetà bit-traġitt tal-vetturi.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba qed issir ħsara f'xi proprjetà, wieħed għandu jara li jsib soluzzjonijiet oħra eż. *U-Barrier*. Kien hemm qbil li l-introduzzjoni ta' *one-way* fit-triq imsemmija ma tistax tittieħed f'iżolament.

## 4.4.1. Sewqan perikoluż fi Triq ix-Xagħra ta' Barra (T/3/2/Vol XV)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 29 ta' April 2017, mibgħut mill-Avukat Jonathan Galea, fejn talab li jiġu ntrodotti tnejn jew tliet *speed humps* fit-triq imsemmija, peress li qed ikun hemm periklu fil-*junctions* li jaqbdu magħha.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-applikant għandu jintalab ikun aktar speċifiku fit-talba tiegħu billi jindika l-postijiet li fl-opinjoni tiegħu għandhom isiru l-i*speed humps* sabiex wara tkun tista' issir konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq ix-Xagħra ta' Barra.

## 4.5.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Marlozz u Triq il-Barkazza (T/3/2/Vol XV)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 28 ta' April 2017 mibgħut mis-Sur Adrian Saliba, fejn talab li tiġi ntrodotta *speed hump* f'kull triq imsemmija billi qed ikun hemm periklu mill-istess residenti li jiġu bħala vileġġjatura fi tmiem-il ġimgħa.

4.5.3. Il-Kunsill tenna l-oġġezzjoni tiegħu li jsiru *speed humps* f'tlajja bħalma huma Triq il-Marlozz u Triq il-Barkazza minħabba l-inkonvenjenzi li jikkawżaw, kemm għas-sewwieqa, kif ukoll għar-residenti.

## 4.6.1. *Tournament* tas-*Softball* (S/6/Vol IV)

4.6.2. Inqara imejl datat 20 ta' Mejju 2017, fejn il-Mellieħa Baseball & Softball Club talbu lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-kompetizzjoni msemmija li ser tintlagħab fl-24 u l-25 ta' Ġunju u fl-1 ta' Lulju 2017, liema kompetizzjoni tinvolvi 50 plajer.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' inizzjativi ta' din ix-xorta fid-dawl tal-obbligi soċjali u kulturali li għandu jkollu lejn organizzazzjonijiet volontarji li jiffunzjonaw fil-lokalità.

## 4.7.1. *Tower Crane* fi Triq Adenau (A/6/3/1/Vol 105)

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Mejju 2017, fejn kuntrattur li qed jiżviluppa qatgħa fit-taraġ fi Triq Adenau talab li f'Ottubru 2017 jarma krejn f'nofs l-istess taraġ li jkun jilħaq għal Triq Dun Franġisk Sciberras.

4.7.1. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur, possibilment biex it-*tower crane* jintrama fil-bitħa, jew f'wieħed mix-xaftijiet li ġejjin fil-binja proposta.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' Ġunju 2017.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-28 ta' April u t-8 ta' Ġunju 2017.

6.3. Tressqu wkoll żewġ Skedi ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-28 ta' April u l-10 ta' Mejju u bejn il-11 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2017.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fit-tliet skedi. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

**"Billi permezz tal-ftehim li kien sar bejn Central Mediterranean Development Corporation Ltd (Cenmed) u l-Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, tat-18 ta' Frar 2008, l-imsemmija kumpanija għaddiet somma flus lill-Awtorità tat-Trasport bil-għan li din tibni mill-ġdid it-toroq involuti fil-kawża Kunsill Lokali tal-Mellieħa kontra Cenmed;**

**Billi l-Kunsill baqa' jagħmel pressjoni fuq l-Awtorità responsabbli mit-Trasport sabiex tonora l-obbliġi kollha li daħlet għalihom permezz tal-imsemmi ftehim, u saħansitra offra li jimplimenta huwa stess, l-aħħar fażi tiegħu bir-rikostruzzjoni ta' l-unika triq li fadal, li tinvolvi Triq il-Qortin fil-parti li testendi minn Triq il-Kbira sa Triq il-Birwina;**

**Billi l-Awtorità responsabbli mit-Transport aċċettat din id-delega u lesta li talloka s-somma ta' €345,279, ibbażata fuq stima li saret mill-perit tal-kuntrattur konċernat, illi tinkludi wkoll it-tiġdid tal-infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kif ukoll sistema ġdida għall-immaniġġjar tat-traffiku fil-parti fejn Triq il-Qortin tingħaqad ma' Triq il-Birwina u Triq il-Gardell;**

**Billi din il-materja diġa ġiet diskussa waqt is-Seduta Nru. 76 imsejħa b'urġenza fil-11 ta' Mejju 2017, segwita bl-iffirmar tal-ftehim relattiv bejn il-Kunsill u l-Awtorità responsabbli mit-Trasport, fit-22 ta' Mejju 2017;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li jirrattifika l-ftehim tat-22 ta Mejju 2017 u jawtorizza l-implimentazzjoni tiegħu hekk kif ikun hemm il-permessi meħtieġa biex dan ikun jista' jinbeda.". (T/4/13/Vol XI)**

7.2. Fid-dawl tad-diskussjoni li seħħet fis-seduta preċedenti, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

7.3. Is-Sindku ħa din l-opportunità biex jinforma lill-Kunsill illi x-xogħol ikun jista' jinbeda dik il-ġimgħa stess bil-bini tar-*retaining wall* li jrid isir minn Triq Mario de Vasì 'l isfel. Hekk kif jiġu ffinalizzati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, ikun jista' jinbeda x-xogħol fuq il-bdil tal-*mains* tal-ilma.

7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 8.1. Innu tal-Mellieħa (K/2/10)

8.2. Is-Sindku stqarr li saru żewġ laqgħat tal-Bord tal-Għażla, waħda fit-8 ta' Mejju u oħra fit-8 ta' Ġunju 2017, li kopja tal-minuti relattivi ġew mgħoddija lill-Kunsillieri qabel is-seduta. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-identità tas-sitt konkorrenti għadha mhux magħrufa, peress li l-*Envelopes* B baqgħu ma nfetħux. Huwa fakkar li r-regolament 2.5 jipprovdi li dawn l-*envelopes* jinfetħu waqt seduta tal-Kunsill wara li ssir evalwazzjoni tax-xogħlijiet mill-Bord tal-Għażla.

8.3. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li minbarra l-*Envelopes* B li ġew mgħoddija mas-sottomissjonijiet oriġinali li għalqu fit-30 ta' Mejju 2017, kien hemm sett ieħor ta' sitta li ngħataw mas-CD's illi reġgħu ntalbu mill-Bord tal-Għażla. Ir-referenza li ngħatat fiż-żewġ każi kienet kif ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Numri mogħtija fuq l-*envelope*s sottomessi fit-30.03.2017 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| Ittri moghtija fuq l-*envelope*s sottomessi fil-25.05.2017 | R | U | Q | T | P | S |

8.4. Saret rikonċiljazzjoni mill-Bord tal-materjal kollu sottomess u wara evalwazzjoni mill-istess Bord, irriżulta li s-sottomissjoni "3Q" kienet l-aħjar waħda, kemm mill-aspett mużikali kif ukoll liriku.

8.5. F'dan il-punt tas-seduta, infetħu l-*envelopes* kollha, u irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-konkorrenti segwenti:

| Kodiċi | *Nome de Plume* | Isem tal-Konkorrenti misjub fl-*Envelope* "B" | |
|---|---|---|---|
| | | **Kliem** | **Mużika** |
| 1R | CAM | Doris Mifsud | Philip Vella |
| 2U | Mellieħi Pur | Joseph N. Sammut | Joseph N. Sammut |
| 3Q | Dante | Antoine Barbara | Hertian Gauci |
| 4T | Melħ u Għasel | Marija Grima | Kenneth Fenech |
| 5P | Eran Mano | Eric Bonanno | Ryan Mallia |
| 6S | Klarinett | Eric Bonanno | Joseph Vella |

8.6. Il-Kunsill sema' is-CD's bil-mużika u l-kliem moqrija u talab li r-rakkomandazzjoni tal-Bord għandha tiġi komunikata lill-konkorrenti kollha.

## 9.1. Sejħa għall-Offerti MLC 5/2017 – Servizz dwar Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku (K/6/4/Vol III)

9.2. Is-Segretarju fakkar li din is-sejħa għalqet fit-30 ta' Mejju 2017 u kien hemm rispons għaliha kif jidher hawn taħt:

| Offerent | Prezz inkluż il-*Contract Management Fee*, mingħajr il-VAT |
|---|---|
| B. Grima & Sons Ltd | €32,831.16 |
| Signmark Ltd | €37,942.50 |

9.3. Il-Kunsill innota l-prezzijiet ikkwotati u ddeċieda li jaħtar bħala evalwaturi lis-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsillier E. Bartolo. Ġiet appuntata laqgħa tal-*Evaluation Board* fil-15 ta' Ġunju 2017 fit-3.30 pm.

## 10.1. Sejħa għall-Offerti MLC 6/2017 - Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' dwal dekorattivi f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa u fil-Manikata (P/4/3/Vol III)

10.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għalqet fit-8 ta' Mejju 2017 u kien hemm tliet offerti minn żewġ kuntratturi differenti. Il-prezzijiet ikkwotati kienu kif ġej:

| Offerent | Prezz mingħajr VAT |
|---|---|
| Apex Interiors Ltd – Offerta Nru. 1 | €34,313.74 |
| Apex Interiors Ltd – Offerta Nru. 2 | €41,127.36 |
| Mica Med Ltd | €101,331.48 |

10.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li sar rapport tekniku mill-konsulenti Galea Curmi Engineering Consultants.

10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti skont il-minuta 9.4, kif ukoll l-prezzijiet ikkwotati. Ġie deċiż li bħala evalwaturi għandhom jinħatru s-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo

u l-Kunsillier E. Bartolo. Ġiet appuntata laqgħa tal-*Evaluation Board* fil-15 ta' Ġunju 2017 fit-3.30 pm.

**11.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)**

11.2. Il-Kunsill ġie mfakkar li din l-attività ser issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017. Ġie propost sabiex il-bandu jibda fis-7.15 pm minn Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq in-Naħal, ikompli fi Triq Ġorġ Borg, Triq l-Inkurunazzjoni u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa fejn jindaqqu siltiet mit-tliet għaqdiet mużikali tal-Mellieħa.

11.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ssuġġerixxa li l-bandu jkun akkumpanjat mill-grupp In Guardia u mill-membri tal-Għaqda Korali u Orkestrali bil-kostumi tal-epoka. Ikun hemm membri tal-Ladies Craft Circle jagħmlu xogħol ta' artiġġjanat bħall-bizzilla, ganutel ecc. Kompla billi ppropona li l-ispettaklu f'Misraħ il-Parroċċa jkun jinkludi programm imtellgħa mit-tliet għaqdiet mużikali tal-Mellieħa, żfin mill-grupp Artemocion, daqq mill-grupp Jacksons Żaqq u Tambur, u s-serata tintemm bil-ħruq tal-ħuġġieġa tradizzjonali.

11.4. Il-Kunsill qabel mas-suġġerimenti li saru skont il-minuti 10.2 u 10.3 aktar 'il fuq, kif ukoll iddeċieda li jitqassmu tifkiriet ta' l-okkażjoni lill-parteċipanti.

**12.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill 2017 A/5/3/1/Vol XVI)**

12.2. Il-Kunsill qabel li din l-edizzjoni ssir nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2017 taħt il-patroċinju tal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici.

12.3. Ġie mfakkar ukoll li skont ir-regolamenti, għandhom jitwaqqgħu nominazzjonijiet għall-onorefiċenzi tal-Ġieħ u Rikonoxximent li saru qabel l-2011, illi ma jiġux imġedda. Is-sejħa għan-nominazzjonijiet u tiġdid ta' dawk li saru qabel l-2011, għandha tagħlqu fl-14 ta' Lulju 2017.

12.4. Billi f'din l-edizzjoni ser ikun hemm it-tnedija tal-Innu tal-Mellieħa, il-programm mużikali għandu jingħata minn mużiċisti addatati biex jeżegwixxu l-istess innu b'konsultazzjoni mar-rebbieħa tal-konkors. Il-Kunsill qabel li apparti l-premju ta' €1,500, ir-rebbieħ fil-Konkors Innu tal-Mellieħa għandu jiġi ppreżentat tifkira tal-okkażjoni.

12.5. Bħala preżentaturi tas-serata ssemmew is-Sinjuri Anton Falzon u Joe Dimech.

**13.1. Ftehim dwar l-Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (*TIO*) (A/6/7/4)**

13.2. Il-Kunsill awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju sabiex jiffirmaw l-imsemmi ftehim għal tliet snin taħt l-istess kundizzjonijiet.

**14.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2017 (F/1/1/Vol II)**

14.2. Dan is-suġġett ġie mħolli għas-seduta li jmiss peress illi kien sar il-ħin..

**15.1. Riċikklar ta' tessuti (K/6/10/Vol III)**

15.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' Mejju 2016, mibgħuta minn ReFab Textile Recycling, fejn ipproponew li jitpoġġew kontenituri fil-lokalità biex jiġu depożitati tessuti, żraben u basktijiet wżati bil-għan li jiġu riċikklati. Is-Sindku fakkar li din il-proposta kienet diġa tressqet għad-diskussjoni fis-Seduta Nru. 56 tal-24 ta' Mejju 2016 meta il-Kunsill kien tal-fehma li ż-żieda ta' aktar kontenituri f'postijiet pubbliċi jkompli jesponu l-lokalità għal aktar abbużi, filwaqt li esprima l-interess tiegħu f'ġabriet simili f'dati stabbiliti minn postijiet partikari.

15.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li attwalment is-sitwazzjoni tal-*bring-in sites* hija aktar ikkontrollata, bit-tneħħija ta' dawk fi Triq Qasam Barrani u Triq l-Etna, filwaqt li dik ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi issa hija sorveljata permezz tas-CCTV. Għaldaqstant huwa ppropona li jitpoġġa kontenitur għall-oġġetti msemmija fil-*bring-in site* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

15.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

**16.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier** **(A/5/3/Vol VIII)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ssir attività fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fit-18 ta' Ġunju 2017 li tkun bil-parteċipazzjoni tal-komiku u kantant Joe Demicoli.

16.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**17.1. Korsijiet tal-kompjuter għat-tfal** **(E/3/1/9/Vol IV)**

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li saret proposta minn TCTC Ltd sabiex isir kors intiż għat-tfal fl-etajiet bejn ħames u għaxar snin biex jitgħalmu jużaw il-kompjuter. L-isem tiegħu huwa "Robotica" u jista' jingħata bejn Lulju u Settembru 2017 bil-prezz ta' €50 kull student, filwaqt li l-Kunsill ikun mistenni jissussidjaħ bi €1,100 sa massimu ta' 60 student. Kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta din il-proposta tkun tista' issir laqgħa għall-ġenituri fis-27 ta' Ġunju 2017 fis-Sala Prof. Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja.

17.3. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim relattiv wara li jiġi żgurat li n-numru ta' studenti li jattendu jkun jiġġustifika l-ispiża msemmija.

**18.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ"** **(A/5/5/Vol IV)**

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li din l-inizjattiva ser ikollha żewġ edizzjonijiet – fis-7 u l-14 ta' Awwissu 2017 - f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Hija kompliet tgħid li din l-edizzjoni ser tkun ridotta meta mqabbla ma' dawk preċedenti, minħabba Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin 2017.

18.3. Il-Kunsill innota u approva l-iniżjattiva kif proposta.

**19.1. Wirja ta' vetturi kollettibbli** **(A/6/3/2/Vol 46)**

19.2. Il-Kunsillier D. Vella għarraf li nhar is-Sibt 15 ta' Lulju 2017, l-*American Auto Club Malta* avviċinawħ sabiex jorganizza wirja ta' vetturi u *barbecue* f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa..

19.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ il-permess bil-proċedura stabbilita, sakemm id-data ndikata ma' taħbatx ma' xi avveniment ieħor fl-istess post.

**20.1. Korsijiet taht l-Iskema Taghlim Tul-il Hajja - *Lifelong Learning***
**(E/3/1/Vol III)**

20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 72 tad-9 ta' Marzu 2017 u fakkret li kien intwera nteress sabiex jiġu organizzati korsijiet tal-fotografija, l-Ingliż u l-Malti għall-barranin. Hija staqsiet dwar jekk dawn jistgħux isiru nhar ta' Tlieta, bejn il-5.00 pm u t-8.00 pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill, jew x'imkien ieħor.

20.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn il-korsijiet għandhom jsiru fl-Iskola Primarja, kemm-il darba ma jinstabx post adekwat fl-uffiċċju tal-Kunsill.

**21.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"***
**(E/3/1/Vol III)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo fakkar li l-Konferenza "*Small Markets at the Heart of the European Economy*" ser sseħħ f'Vecpielbalga fil-Latvja, bejn is-26 u l-31 ta' Lulju 2017. Huwa ġibed l-attenzjoni li f'dan l-istadju għandhom jinstabu l-parteċipanti sabiex jikkontribwixxu għal din il-konferenza da parti tal-Mellieħa.

21.3. Ġiet ikkonfermata l-prassi li kemm-il darba jattendu uffiċjali eletti, jew impjegati, il-ħlas tal-ivjaġġar isir kollu mill-Kunsill, filwaqt li l-istess Kunsill jagħmel tajjeb sa massimu ta' €100 għall-parteċipanti. Inġibdet l-attenzjoni li €50 għal kull persuna ser jiġu rkuprati mill-allokazzjoni mogħtija taħt il-Programm *Europe for Citizens*.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn , 26 ta' Ġunju 2017 fis-7.30 pm.





Joħn Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**